MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2011

Numru. 816/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY PORTELLI**
**KONTRA**

**JOSEPHINE BORG**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Josephine Borg ta’ 51 sena, bint Carmelo Buhagiar u Rita nee’ Farrugia, mwielda Mosta nhar l- 4 ta’ Mejju 1960, residenti 30, Solitaire, Triq il- Huttaf, Mosta u detentrici tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 306860M;

Li giet mressqa quddiemha sabiex twiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli waqt li kienet xoghol gewwa l- hanut bl- isem Capricco Coffee’ Shop li jinsab Triq il- Knsija, San Pawl il-Bahar nhar is- 26 ta’ Mejju 2011 f’ xi hin bejn il- 5.00pm u l- 5.30pm ikkommettiet serq ta’ Nintendo DSiXL bin-numru tas- serie WEF106315420, liema serq huwa kkwalifikat bil- persuna u bil- valur li jeccedi €232.94, izda li ma jeccedix €2,329.37 u ghad- detriment ta’ Silvio Genevese u/ jew persuni ohra;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat in-nota tal-Avukat Generali, li permezz taghha hu ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza titmexxa b’mod sommarju minn din il-Qorti;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnha wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissietha bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f’din il-kawza;

Rat illi l-oggett misruq gie ritornat lid-derubat, u li l-imputata ghenet lill-Pulizija fl-investigazzjonijiet taghha;

**Ikkunsidrat:**

Wara li rat l- Artikoli 261, 267, 268 u 279 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputata hatja u ghaldaqstant tilliberaha bil- kundizzjoni li ma taghmilx reat

iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------